**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta tad-Distrett tas-Sliema**

IlIum, 2 ta' Frar 2024

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Fenech**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, John Fenech, iben Paul Fenech u Catherine Fenech nee Aquilina, imwieled f'tas-Sliema fit-18 ta' Jannar 1948, resident 68, Triq Rodolfu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 107148M fejn ġie:

*"Akkużat talli nhar 28.03.2023 għall-ħabta ta' 00:04hrs ġewwa 68, Triq Rodolfu, Sliema:*

1. *Kellek fil-pussess tiegħek arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-liċenzja Kap.480.*

2. *Bħala pussessur ta' liċenzja taħt Art.27(1) Kap.480 inqast li tħares il-kundizzjonijiet imsemmija fil-liċenzja.*
3. *Akkużat ukoll li kellek fil-pussess tiegħek jew taħt il-kontroll tiegħek jew ġarrejt arma tan-nar jew munizjon mingħajr li din l-arma tan-nar (Airgun talghamla Wembley Exel, bis-'serial number' 831882) ma kienetx approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' art.5(2) Kap.480*
4. *Talli inqast li tinforma lill-Kumissarju tal-Pulizija meta ġew fil-pussess tiegħek l-arma tan-nar jew munizzjon u dan bi ksur ta' Art.41 Kap.480"*

Rat li waqt l-istess seduta tal-lum, wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament, l-imputat minn jeddu għażel li jammetti għal akkużi. Il-Qorti għaldaqstant ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, spjegatlu ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u tagħat żmien lill-imputat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta reġgħet staqsietu, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza. Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena qieset l-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħati fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant fuq ammissjoni tal-imputat, wara li rat l-artikoli 5(3)(a), 5(2), 27(1) u 41 tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat John Fenech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 107148M, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannaħ għal-piena ta' multa ta' sebà mitt Ewro

(€700) u tordna l-konfiska ta' kull arma li ma kinitx liċenzjata skont ma jitlob il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**